# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta tas-7 ta' Marzu 2023

**Rikors Numru : 2/2023 JPG**

**Kawza Numru : 10**

**PD**

**Vs**

**SC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' PD datat 4 ta' Jannar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi r-rikorrenti u l-intimata izzewgu fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) fil-Knisja ta' San Pietru tal-Ktajjen, Birzebbugia, u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg (Att taz-Zwieg 1815/2000) hawn anness u mmarkat bhala Dok 'PD 1)';*
>
> *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal ossia KnD li twieled nhar X u KyD li twieled Y;*
>
> *Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimat ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimata resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin*

*(2022) fl-atti tan-Nutar Brenda Jane Camilleri Vella (Dok 'PD 2');*

*Illi r-rikorrenti u l-intimata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni gie iddikjarat illi l-intimata irrunzjat mid-dritt li titlob u/jew ticievi manteniment minghand ir-rikorrenti filwaqt li ir-rikorrenti iddekada mid-dritt li jitlob u/jew jircievi manteniment minghand l-intimata;*

*Illi fir-rigward ta' binhom KyD, ir-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas manteniment fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) ghall-istess minuri, kull l-ewwel (1) jum tax-xahar;*

*Illi fir-rigward ta' binhom KnD ir-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas manteniment fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) ghall-istess wild, kull l-ewwel (1) jum tax-xahar u dan f'kaz li jkun qed jistudja fuq bazi full-time u f'dan il-kaz ir-rikorrenti ghandu jinghata prova dokumentarja jekk il-minuri hux qed jistudja fuq bazi full-time. Ebda manteniment ma jkun dovut jekk ma jinghatax tali provi;*

*Illi r-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni surreferit u ma hemmx pendenzi u/jew arretrati ta' manteniment;*

*Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;*
2. *Tordna lir-Registratur ta-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

*Salv kulll provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 26 ta' Jannar 2023, a fol 18 et seq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti taqbel illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2000 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, Kn u Ky ahwa D li minkejja li m'ghadhomx minuri ghadhom jistudjaw fuq bazi 'fulltime';*

2. *Illi l-esponenti taqbel ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella datat 13 ta' Mejju 2022;*

3. *Illi l-esponenti tikkontendi ukoll illi m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni, stante illi z-zewg partijiet illum ghandhom hajja independenti minn xulxin;*

4. *Illi effettivament, l-esponenti taqbel ukoll illi l-manteniment ghaz-zewgt ulied huwa regolat bil-kuntratt, kif ukoll li bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati dwar l-istess. Aktar minn hekk, l-esponenti qeghda tipprezenta document (Dok A) illi juri illi iben il-partijiet, KnD qieghed isegwi full time course gewwa l-MCAST (Advanced Diploma in IT(Gaming));*

5. *Illi madanakollu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad li l-manteniment mhux dejjem jithallas kull l-Ewwel tax-xahar u dana peress illi r-rikorrenti jkun imsiefer lejn il-Filippini, u ghaldaqstant l-esponenti tixtieq illi tali manteniment jithallas permezz ta' standing order f'kont illi ser jigi indikat lir-ragel mill-esponenti;*
6. *Illi finalment, l-esponenti tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'C';*
7. *Illi l-esponenti topponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni;*

Rat illi fir-rispsota taghha l-intimata talbet lil din il-Qorti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u

cioe 'C';

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-14 t'Ottubru 200 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Mejju 2022 fl-atti tan- Nutar Brenda Jane Camilleri Vella. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment.

**L-intimata xehdet** (vide fol 20) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet l-attur. Di piu' sostniet illi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 t'Ottubru 2000, liema zwieg jgib certifikat numru 1815/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg

kellhom zewgt itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Brenda Jane Camilleri Vella nhar it-13 ta' Mejju 2022 (vide Dok PD 2 fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Di piu' sostniet illi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'C'.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet limitatament, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1815/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'C' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Fir-rigward tat-talba tal-intimata sabiex il-hlas ta' manteniment jsir permezz ta' standing order, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba, stante li dawn il-proceduri m'humiex idoneji sabiex tigi ventilata tali talba.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**